Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 146/2009

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Awwissu 2004, u li minn dan iz-zwieg m' ghandhomx tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-ternini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; li wara s-separazzjoni, il-konvenuta kellha tarbija minn ragel iehor; ghalhekk qed jitlob li z-zwieg jigi dikjarat null, u li Qorti tordna l-konsegwenzjali registrazzjoni fl-att tat-twelid; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta, filwaqt li ddikjarat li hi taqbel li z-zwieg huwa null, tattribwixxi l-htija lill-attur fit-termini ta' l-artikoli tal-ligi fuq citati;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-27 ta' Awwissu 2004 huwa null u bla effett fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-artikoli precitati. Minn naha taghha l-konvenuta taqbel li z-zwieg huwa null, izda bi htija ta' l-attur.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Awissu 2004, meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 22, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa hames snin. Wara konvivenza ta' sena u nofs, il-partijiet isseparaw de facto, u fit-28 ta' Marzu 2008 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi wara s-separazzjoni, il-konvenuta weldet tarbija fl-24 ta' Ottubru 2008 minn ragel iehor li mieghu ghandha relazzjoni.

*Verzjoni Attur*

Illi l-attur jghid li l-kwistjoni principali bejn il-partijiet wara z-zwieg kien il-fatt li, skond hu, il-konvenuta bdiet tirrifjuta li jikollha x' taqsam mieghu bi skop li jkollhom it-tfal.

Jispjega li qabel iz-zwieg it-tnejn kienu esprimew ix-xewqa taghhom li jkollhom it-tfal, izda kienu fthemu li jhallu perijodu ta' sentejn jghaddu qabel ma jipprovaw ghat-tfal, u dan minhabba d-djun li kienudahhlu ghalihom. Ghalhekk l-att taz-zwieg kien isir bi prekawzzjoni da parti ta' l-attur.

Wara z-zwieg, pero' il-konvenuta bdiet timmanifesta riluttanza sabiex ikollha relazzjonijiet intimi ma' l-attur, allura zewgha. Jghid li l-konvenuta kienet bierda fil-konfront tieghu u ma kinitx tavvicinah; u meta kien javvicinaha hu, ta' sikwit kienet tkun riluttanti, u kienet iggiblu skuza jew inkellha taqla' argument bil-ghan li ma jsirx l-att taz-zwieg.

Okkazzjoni minnhom kienet qaltlu car u tond li "ahna m'ahnix tajbin ghal xulxin"[1] u minn dak inhar bdiet turi l-intenzjoni taghha li tissepara minn ma' l-attur. Kienu marru ghal counselling u ghat-terapija, izda nutilment.

L-attur jghid li wara sar jaf li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' ragel li kienet tafu sa minn qabel iz-zwieg, u minnu sussegwentement kellha tarbija.

*Verzjoni Konvenuta*

Il-konvenuta minn naha taghha tilmenta li, sa minn qabel iz-zwieg, l-attur kien juri nuqqas ta' affezzjoni fil-konfront taghha, u kien bniedem biered. Wara z-zwieg, meta allura l-partijiet bdew jghixu flimkien, dan in-nuqqas sar aktar manifest, u li kien ikollha tavvicinah hi, u tfakkru, biex jaghmlu l-att taz-zwieg. Tghid: "He was very cold, very cold mieghi, ma nafx ghala …… Hemmhekk vera kont naqlalu l-argument ghax jien kont inhossni umiljata hafna, ghax dan il-bniedem kien jonqosni ntih il-flus biex ikollu x' jaqsam mieghi."[2] Tghid li ma kien javvicina "xejn"; u ghalhekk kien ihossha li qeda fid-dar bhala seftura, anke ghax ma kien jaghmel xejn id-dar. Il-konvenuta tghid li anke hi kienet tahdem hafna, minhabba d-djun li dahhlu ghalihom il-partijiet.

Illi rigward it-tfal fiz-zwieg, il-konvenuta tispjega li, wara z-zwieg, l-attur, ghalkemm ried li jkollhom tfal, "kien jghid, 'imma jekk jigu disabled jew hekk x' jigri? Kien jghidli 'jien ma nafx x' naghmel'"[3] Tispjega li dan id-diskors kien "xokk kbir f' hajti. X' jigifieri ma tafx x' taghmel, mela l-mara biss trid taffaccjahom il-problemi?"

[1] Fol.55
[2] Fol.166
[3] Fol.175

Lejn l-ahhar tal-konvivenza hi kienet bdiet tissusspetta li kellu relazzjoni extra-matrimonjali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi migjuba, l-affidavits u senjatament id-dokumenti prezentati, hija propensa taghti aktar affidabilita' lill-verzjoni ta' l-attur; u l-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li meta l-konvenuta zzewget lill-attur hija ma gharrfitx bizzejjed l-obbligu taghha li tikkonvivi ma' l-attur f' unjoni diretta lejn il-benessere reciproku. Il-konvenuta stess tghid li sa minn qabel iz-zwieg kien hemm fatturi li ma kienux joghgbuha fl-attur, izda hi xorta wahda ghaddset rasha u hadet il-pass taz-zwieg. Fix-xhieda taghha tghid: "qabel konna mizzewgin, jien aktar milli rajt bidla aktar kont ghamja, imbaghad wara li zzewwigt qisni ppretendejt affarijiet li kont imweghda."

Il-komportament tal-konvenuta fiz-zwieg, kien tali li jimmanifesta, l-inkapacita' taghha li tassumu l-obbligu matrimonjali li, bhala konjugi, tikkonvivi ma' l-attur il-hajja konjugali f' unjoni diretta lejn komunjoni ta' hajja u mhabba. Di fatti, ftit wara z-zwieg, hija ttrattjeniet f' relazzjoni extra matrimonjali ma' ragel li kienet tafu qabel, u li minnu llum ghandha tarbija.

Din l-inkapacita' taghha li tghix ma' l-attur f' tali unjoni tikkwalifika bhala caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-27 ta' Awwissu 2004.

Spejjez a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------